Mellieħa

14 ta' Mejju 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 26**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fl-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **26** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Teams nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

**AĠENDA**

26.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

26.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

26.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

26.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-estensjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita eżistenti fi Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna;

26.6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-Żvilupp ta' *Green Infrastructure Solution*, tħawwil ta' iġar fil-Park tal-Familja, b'mezzi li ma jikkawżawx dannu lill-ambjent, żvilupp ta' ġnien tal-komunità fi Ġnien il-Qigħan, flimkien ma' sessjonijiet edukattivi dwar l-iskop tal-proġett MAGF/4/005;

26.7. Sejħa għall-istimi MLC 2/2021 – Ħolqien ta' *mobile app* intiża biex tippromwovi u tispjega s-sinifikat ta' postijiet ta' interess fil-lokalità;

26.8. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

26.9. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

26.5. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti 1/2021 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186) li tinvolvi l-estensjoni ta' *culverts* għall-ilma tax-xita eżistenti fi Triq il-Qortin u Triq Għajn Żejtuna;

Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont ir-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tas-16 ta' April 2021;

Billi l-ispiża tal-offerta preferuta tammonta għal €75,183 (bil-VAT inkluża) mhemmx provdut fondi biżżejjed għaliha fl-Estimi Finanzjarji 2021 taħt il-vot 7512, il-Kunsill jirriżolvi li jsir *virement* ta' €25,000 mill-vot 7517 dwar il-proġett ta' Triq l-Inkurunazzjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li l-kuntratt dwar l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet imsemmija għandu jigi ffirmat mal-offerent Carmelo Galea Contractors Ltd, billi fil-proposta tagħhom kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta, bl-inqas spiża.".
(T/4/12/Vol II)

John Buttigieg
Proponent

Emvin Bartolo
Sekondant

26.6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 1/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-Iżvilupp ta' *Green Infrastructure Solution*, tħawwil ta' siġar fil-Park tal-Familja, b'mezzi li ma jikkawżawx dannu lill-ambjent, zvilupp ta' Ġnien tal-Komunità fi Ġnien il-Qigħan, flimkien ma' Sessjonijiet Edukattivi, b'rabta mal-proġett MAGF/4/005;

Billi sar rapport tekniku mill-perit inkarigat mill-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2021, u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi tat-tliet offerti li saru, skont rapport datat 4 ta' Mejju 2020; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2021 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7534 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Miżura 4 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent is-Sur Carmelo Attard, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas offerta finanzjarja.". (P/10/34)

Dario Vella
Proponent

Ivan Castillo
Sekondant